S&D

# Bring The Bills Down

## NRAZZNU L-PREZZIJIET
## PROPOSTI TAL-S&D

# SOLIDARJETÀ U GUSTIZZJA

- Pakkett ta' Solidarjetà ghax-Xitwa mill-Unjoni Ewropeja sabiex jigi provdut appoġġ liċ-ċittadini u lill-SMEs f'dawn iz-zminijiet ta' inflazzjoni għolja u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-pakkett jinkludi fih 100 biljun li ser ikunu immedjatament disponibbli sabiex jghinu lil dawk il-familji tant affetwati bl-gholi fil-prezzijiet tal-energija. Dan l-appoġġ finanzjarju għandu jkun disponibbli bl-użu tal-potenzjalitajiet kollha tal-baġit tal-EU u NGEU, operazzjonijiet ta' finanzjament tal-EIB u, bil hidma immedjata fuq kapaċità fiskali permanenti, ibbażati fuq is-success tal NGEU, li jinkludi l-iżvillupar tal-għodda permanenti SURE. *

- Politika fiskali xierqa tal-EU biex tlaħħaq mal-kriżi tal-enerġija. Din il-policy tinkludi l-estensjoni tal-klawżola liberatorja għal kemm idum meħtieġ. Barra minn hekk, il-miżuri mmirati relatati mal-kriżi tal-enerġija għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tad-defiċit fi ħdan ir-regoli fiskali.

- Estensjoni tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà għas-setturi kollha li jibbenefikaw minn profitti mhux mistennija.

- Il-kontribuzzjoni adottata fit-30 ta' Settembru 2022 tikkonċerna biss is-settur tal-enerġija filwaqt li l-profitti mhux mistennija huma magħmula x'imkien ieħor. Din il-kontribuzzjoni ġdida ta' solidarjetà għandha tiġi estiża għall-inqas għas-setturi bankarji u farmaċewtiċi li t-tnejn raw il-profitti tagħhom jiżdiedu minħabba l-pandemija u ż-żieda fir-rati tal-imgħax. Id-dħul jista' jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' REpowerEU u appoġġ għad-dħul għall-familji.

- Twettiq ta' rata minima effettiva tat-taxxa fuq id-dħul korporattiv (15%)

* Kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tal-Kungress tal-PES 2022 adottata f'Berlin: Aħna nkomplu nsostnu għal kapaċità permanenti ta' investiment tal-EU b'solidarjetà Ewropea reali bili nikkunsidraw is-suċċess tal-NGEU.

# INNIŻLU L-PREZZIJIET

- Limitu tal-prezz fuq l-importazzjonijiet tal-gass biex jorħsu l-prezzijiet għall-konsumaturi. Il-limitu għandu japplika kemm għall-gass tal-pipeline kif ukoll għall-LNG u għandu jiġi nnegozjat ma' pajjiżi terzi affidabbli

- Teftim temporanju tal-prezzijiet tal-gass u l-elettriku biex immedjatament ittaffi l-kontijiet tad-dawl. Filwaqt li nistennew ir-riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku, din il-miżura se tiżgura li l-gass ma jibqax jiddetermina l-prezz tal-elettriku, għal żmien limitat. Il-kontijiet se jorħsu mill-ewwel għax ma jibqgħux marbuta mal-prezz tal-gass, li jiswa ħafna iktar minn kull sors ieħor ta' enerġija li jintuża biex jiġi prodott l-elettriku. Minflok, se jirriflettu aħjar il-prezz attwali tas-sors tal-enerġija użat għall-produzzjoni tal-elettriku, eż. sorsi rinnovabbli.

- It-tmiem tal-ispekulazzjoni u l-manipulazzjoni fis-suq tal-gass billi, inter alia, tiżdied is-sorveljanza finanzjarja, it-trasparenza u l-adozzjoni ta' għodod ta' kriżi finanzjarja (eż. waqfiet ta' emerġenza għat-tranżazzjonijiet f'każ ta' varjazzjonijiet eċċessivi, limiti għall-bejgħ mill-ġdid ta' komoditajiet, kullar tal-prezzijiet...) u billi tiżviluppa punt ta' referenza alternattiv tal-EU għall-prezz tal-gass.

- Mekkaniżmu ta' akkwist konġunt biex jinxtraw sorsi ta' enerġija skont il-mudell tal-akkwist tal-vaċċini biex tiżdied is-setgħa ta' negozjar tal-EU u jinkisbu prezzijiet negozjati aktar baxxi ma' pajjiżi terzi affidabbli.

- It-tisħiħ tal-investiment fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-interkonnessjonijiet tal-gass u l-elettriku, u l-iżgurar tal-iffrankar tal-enerġija

# IL-PROTEZZJONI TA’ NIES VULNERABLI

- Żieda fil-pagi minimi: Pagi diċenti huma għodda essenzjali biex tgħin lill-familji jlaħqu maż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Huwa essenzjali li jiġi promoss in-negozjar kollettiv u li jiġi żgurat li l-pagi ma jintużawx bħala stabilizzatur ekonomiku sabiex titrażżan l-inflazzjoni. L-Istati Membri għandhom imorru għal implimentazzjoni mgħaġġla tad-Direttiva dwar il-Pagi Minimi, sabiex il-pagi minimi jiżdiedu b’mill-inqas 60% tas-salarju medjan ta’ pajjiż jew 50% tal-medja.

- L-iżgurar ta’ skema ta’ dħul minimu ‘l fuq mil-linja tal-faqar:. Huwa essenzjali li kull persuna fil-bżonn fl-Ewropa tkun koperta minn skema ta’ dħul minimu u li l-pensjonijiet jiżguraw dħul ogħla mil-linja tal-faqar. Ir-Rakkomandazzjoni attwali tal-Kunsill kif proposta mill-Kummissjoni għandha tinbidel f’Direttiva dwar qafas għal skemi ta’ dħul minimu, bil-għan li jiġi salvagwardjat id-dritt għal ħajja diċenti, jinqered il-faqar u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta’ adegwatezza u kopertura, inkluża klawsola ta’ rigressjoni, peress li dan huwa meħtieġ b’mod urġenti.

- Skonnettjar tal-gass u l-elettriku lil familji u konsumaturi vulnerabbli għandhom ikunu pprojbiti. Li jkollok sħana u elettriku affordabbli huwa dritt bażiku. Ħadd m’għandu jagħżel bejn l-ikel, it-tisħin u t-tkessiħ.

- Ir-reviżjoni tal-qafas legali għas-Servizzi ta’ Interess Ekonomiku Ġenerali biex jiġi żgurat aċċess għad-djar fil-bżonn għal servizzi essenzjali ta’ kwalità tajba, b’mod partikolari l-enerġija, it-trasport, l-ilma, l-aċċess għall-internet u s-sanità.

- Żieda fil-finanzjament tal-Garanzija Ewropea tat-Tfal b’finanzi dedikati ta’ mill-inqas 20 biljun ewro, sabiex jiġi żgurat li l-ebda tifel u tifla ma jkun f’faqar enerġetiku fl-EU: il-kriżi attwali se tkompli tiddeterjora s-sitwazzjoni tat-tfal fil-faqar jew f’riskju ta’ faqar. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iħaffu l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea tat-Tfal sabiex kull tifel u tifla fl-EU jkollhom aċċess għal kwalità u kura tas-saħħa ħielsa, edukazzjoni u childcare, u jgħixu f’akkomodazzjoni deċenti u jirċievu nutrizzjoni adegwata.

- Summit soċjali li jinkludi l-istituzzjonijiet tal-EU u l-imsieħba soċjali sabiex jintlaħaq qbil dwar miżuri relatati mal-isfidi tas-sitwazzjoni straordinarja li qed niffaċċjaw maż-żieda fl-inflazzjoni u l-konsegwenzi soċjali tagħha, b’mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-għajxien, distribuzzjoni ġusta tal-ġid fost gruppi differenti fis-soċjetà u pagi diċenti, u li taħdem fuq aġġornament tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali miftiehem fis-7 ta’ Mejju 2021 f’Porto biex jiġi żgurat li l-għanijiet li ġew stabbiliti jintlaħqu billi jiġu adottati proposti addizzjonali u/jew mezzi finanzjarji.